MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-19 ta' April, 2007

Numru. 742/2000

Il-Pulizija
(Spettur Marisa Camilleri)

vs

Etienne Zammit

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Etienne Zammit, ta’ 29 sena, iben Carmelo u Frances xebba Cefai, imwieled San Giljan fit-3 ta’ Dicembru 1977 u residenti ‘Redentur’, Triq Guze Galea, Qormi u li ghandu n-numru tal-karta ta’ l-identita’ 70678(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli fis-26 ta’ Novembru, 1999 u fil-jiem ta’ qabel f’Hal-Qormi u f’dawn il-Gzejjer b’diversi atti maghmulin minnu, fi zminijiet

differenti li kienu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li kienu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ikkommetta serq ta' Cashlink Card tal-Bank of Valletta numru 58873115000109668 liema serq hu aggravat bil-persuna, hin u lok ghad-dannu ta' Robert Zammit u dan ai termini ta' l-Artikoli 18, 268(b), 269(g) u 270 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

b) U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi b'mezzi kontra l-Ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex qanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' LM 564.77 li l-ammont globali maghmul minnu jammonta ghal aktar minn hames mitt lira Maltin ghad-dannu ta' Robert Zammit minn Hal-Qormi u dan ai termini tal-Artikoli 308 u 310 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta;

c) U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi iffalsifika cedola, polza, ordni jew dokumenti ohra, illi meta gew prezentati, irceva bihom hlas jew ha l-kunsinna ta' oggetti, jew gabar depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbilment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u dan ai termini tal-artikolu 167(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

d) U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn dokument u cioe' Cashlink Card tal-Bank of Valletta numru 58873115000109668 msemmija fl-artikolu 167 tal-Kodici Kriminali u dan ai termini tal-artikolu 169 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskritturi jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjoni jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skrittura wara li gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew

fatti, illi dawk l-atti jew skrittura kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u dan ai termini tal-Artikolu 183 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

f) U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi xjentement ghamel uzu minn att, kitba, jew skrittura falza msemmija f'l-artikolu 183 tal-Kodici Kriminali u dan ai termini tal-artikolu 184 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

g) U aktar talli f'dawn il-Gzejjer fis-26 ta' Novembru, 1999, u f'dawn l-ahhar tlett xhur qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li timmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li tipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghal-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tal-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-droga perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini perikoluzi Kap. 101 tal-Ligjjiet ta' Malta;

h) U aktar talli kiser l-provedimenti tal-Artikolu 5 tal-Att 152 meta kien gie misjub hati ta' delitt u kien gie impoggi taht il-harsien ta' Probation Officer ghal zmien tlett snin mid-data tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati fil-21 ta' Ottubru, 1998.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti fosthom il-kunsens ta' l-Avukat Generali datat 19 ta' Ottubru, 2000 ( a folio 24 tal–process) sabiex fin-nuqqas ta' oggezzjoni da parti ta' l-imputat din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja. Rat l-ordni datat 17 ta' Ottubru, 2000 mahruga mill-Avukat Generali bis-sahha ta' l-Artikolu 22 (2) tal-Kap 101 (a folio 12 tal-process).

Semghat lill-imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-ezami li sar fil- 15 ta' Dicembru, 2000 (a fol. 14 tal-process) ai termini ta' l-Artikoli 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fl-atti tas-seduta tat-23 ta' Frar, 2007 ghall-akkuzi kollha kif dedotti fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti wissiet lill-imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' l-ammissjoni tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha.

Ghal finijiet ta' piena, il-Qorti kkunsidrat li l-imputat kellu problema ta' abbuz mid-droga izda llum jidher li hareg minn din il-problema u l-Prosekuzzjoni u d-Difiza jaqblu li mid-data minn meta nhargu l-akkuzi odjerni, u cioe' mis-sena 2000 sallum, l-imputat ma kellux kazijiet ohra. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll r-rakkomandazzjoni maghmula mill-probation officer, Miriam Sevasta fil-pre-sentencing Inquiry Report esebit a folio 82 tal-process u jidrilha li fic-cirkostanzi l-imputat ghandu jinghata l-ahar opportunita' sabiex jirriforma ruhu.

Il-Qorti ghalhekk wara li rat l-Artikoli 17,18, 268 (b), 269(g), 270, 281(c), 308, 310(1), 167(1), 169, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikolu 22 u ir-Raba' u s-Sitt Taqsima tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) u l-Artikolu 5 tal-Kap 152 (illum Kap. 446) tal-Ligijiet ta' Malta migjuba kontra tieghu tiddikjara li qed issib lill-imputat hati ta' l-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kap 9 tikkundanna lill-imputat Etienne Zammit ghal prigunerija ta' sentejn sospizi ghal tlett snin mill-llum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati fi kliem car bir-responsabilita' tieghu skond il-ligi jekk huwa

jikkommetti reat iehor illi ghalih hemm il-piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza sospiza.

Il-Qorti rat ukoll l-Artikolu 28G tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qeghda taghmel ordni ta' supervizzjoni li permezz ta' din l-ordni qed tqieghed lill-hati taht is-supervizjoni ta' l-ufficjal sorveljanti, Miriam Sevasta ghal perijodu ta' sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabilita' tieghu skond il-ligi jekk ma joqghodx ghal kull ordni legittima illi taghtih l-ufficjal sorveljanti.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-Ufficjal sorveljanti, Miriam Sevasta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------